MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2125/2004

**Equipment Hire Limited**

**Vs**

**Carmel sive Charles Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm271.31c (mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) rapprezentanti Lm250.31c (mitejn u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) ghall-kiri ta' ghodda skond kuntratt datat 9 ta' Lulju, 2003 bin-numru 15173 kif ukoll Lm21 (wiehed u ghoxrin lira Maltin) kwantu ghall-prezz ta' l-istess ghodda li baqghet ma gietx irritornata lis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm271.31c (mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------